TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 330

KAZ NRU. 424

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Grima

u

Hempel's Marine Paints (M) Ltd
kif rapprezentata mis-sur
C.A. Portelli

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 25 ta' Mejju, 1989

Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello, M.B.E.

## 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferut lic-Chairman tat-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali ta' dak iz-zmien nhar it-30 ta' Jannar, 1987, skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Saru b'kollox tmien (8) seduti, l-ewwel wahda taht ic-Chairman is-sur W. Abela u sebgha ohra taht ic-Chairman hawn taht iffirmat wara li s-sur W. Abela astjena mill-kaz fis-26 ta' Lulju, 1988.

L-appellant is-sur John Grima kien assistit mis-sur Anthony Degiovanni fl-ewwel seduta preseduta mis-sur W. Abela u mill-Maggur Stanley J.A. Clews MBIM, MIPM, fis-seduti ta' wara.

Ghall-Hempel's Marine Paints (M) Ltd, deher l-istess rapprezentat is-sur Charles A Portelli, Managing Director u kien assistit mis-sur Alfred Mallia Milanes, Segretarju tal-Employers' Association.

2. STATEMENTS OF CASE

John Grima ssottometta illi fit-30 ta' April, 1960, kien gie offrut u accetta l-kariga ta' Company Secretary ma' Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd fuq kuntratt indefinit b'salarju li fl-1986 kien ta' LM2700 fis-sena. Matul il-perjodu 1964 - 1984, il-kumpanija Hempel's Marine Paints (M) Ltd kriet bini minn ghand il-kumpanija The General Investment & Estate Co. Ltd li f'Gunju tal-1980 inxtrat kollha mill-appellant u membri tal-familja tieghu. Dan il-bini kien mibdul strutturalment biex saret fabbrika fejn tigi pprocessata zebgha. Il-kuntratt kien igorr mieghu obbligazzjoni ta' restawr ghal kif il-bini kien qabel. Fl-1984 Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd, avzat lil General Investment & Estate Co. Ltd bid-decizjoni taghha li titlaq il-post. Qamet kwistjoni dwar id-dritt ghall-danni minhabba li r-restawr kien sejjer idum aktar miz-zmien li ghalih thallset il-kera. Din il-kwistjoni ghada sejra. Nhar it-12 ta' Novembru, 1986, Hempel's Marine Paints (M) Ltd itterminat l-impieg tal-appellant ghar-raguni biss li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn iz-zewg kumpaniji fil-kwistjoni. Id-diretturi l-ohra tal-General Investment & Estate Co. Ltd. ma sofrew ebda piena jew azzjoni.

Minhabba li l-attur naqas li jitlob il-permess tad-Direttur tax-Xoghol ghat-tkeccija u galadarba m'hemmx l-approvazzjoni tad-Direttur skond kif titlob il-ligi, l-appellant jikkontendi

li t-tkeccija hija illegali. Minhabba illi l-partijiet fil-kwistjoni huma biss iz-zewg kumpaniji Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd. u the General Investment & Estate Co. Ltd., l-appellant jikkontendi li t-tkeccija tieghu hija rizultat ta' reazzjoni intimidatorja. L-appellant sofra konsegwenzi ghaliex bhala Managing Director tal-General Investment & Estate Co Ltd flimkien ma' tlett diretturi ohra ma riedux jirrinunzjaw ghad-drittijiet li huma jippretendu li ghandhom, skond il-ligi u dan fuq parir tal-konsulent legali tal-kumpanija. Ghalhekk l-appellant talab lit-Tribunal biex jiddikjara li t-tkeccija tieghu kienet illegali, jezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jiddikjara li t-tkeccija tieghu kienet ingusta, u jaghti kumpens li hu jidhirlu li hu xieraq.

Minn naha ta' Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd, il-kumpanija ssottomettiet illi John Grima kien jahdem ma' Hempel's Marine Paints (M) Ltd fil-kariga ta' Company Secretary u kien jircievi paga minghand Waterways Ltd., u wkoll min ghand il-General Investment & Estate Co. Ltd. li fil-kaz ta' din ta' l-ahhar, il-paga kienet tghaddi ghand Waterways Ltd sabiex din il-kumpanija thallas paga komplessiva lill-appellant, li kien hu stess li jikkontrolla lill-General Investment & Estate Co. Ltd. Il-kumpanija ssottomettiet illi Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd. kienet tikri minghand il-General Investment & Estate Co.Ltd mahzen, dwar liema kuntratt qamet kwistjoni litiguza bejn l-appellant u Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd. Minhabba din il-kwistjoni, il-posizzjoni ta' l-appellant bhala parti mill-Board of Directors ta' Hempel's Marine Paints Ltd saret "untenable" u l-istess Board of Directors uzat il-poteri lilha moghtija minn Article 73 tal-First Schedule Part I tal-Commercial Partnerships Ordinance 1962 u nehhiet lill-appellant mill-kariga li kien jokkupa. Hempel's

sostniet ukoll illi l-appellant ma tnehhiex mill-impieg tieghu ghax kompla jahdem ma' Waterways Ltd., liema fatt accetta meta kompla jigbed il-paga rilevanti minn dik il-kumpanija. Il-fatt li ma kompliex jigbed il-porzjoni tal-paga li kienet tigi minn General Investment & Estate Co. Ltd. kien fatt esklussivament fil-kontroll tieghu. Fil-fehma tal-kumpanija Hempel's, ma kienx qed jigi diskuss it-tkeccija ta'impjegat kif kontemplat mill-ligi industrijali imma tnehhija ta' Company Secretary kif kontemplat fil-Commercial Partnership Ordinance, li hija kwistjoni total-ment differenti b'rimedji u kriterji totalment diversi minn dawk li jregu fil-ligi industrijali. Ghal dak li hu l-impieg (jew impiegi jekk wiehed jikkunsidra l-arrangament li kellu l-appellant ma' General Investments & Estate Co. Ltd.) ma saret l-ebda tkeccija li tista' tigi allegata li kienet ingusta. Ma' Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd, l-appellant kien Company Secretary u tnehha minn din il-kariga in ezercizzju ta' poteri moghtija mill-ligi u skond kriterji kkontemplati fl-istess ligi. Ghaldaqstant, il-kumpanija Hempel's talbet lit-Tribunal jiddikjara illi l-kaz imqajjem mill-appellant huwa nfondat stante illi

(a) ma jinkwadrax ruhu taht il-kriterji mitluba mill-ligi industrijali, u

(b) minghajr pregudizzju ghat-tezi tal-kumpanija kif somarizzat f'(a), it-tnehhija ta' Company Secretary minn ma' kumpanija meta dan ikun f'pozizzjoni ta' 'conflict of interest' huwa ggustifikat fi kwalunkwe sistema legali, dik industrijali jew dik kummercjali.

L-ewwel seduta taht ic-Chairman hawn taht iffirmat saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru, 1988. Is-sur A Mallia Milanes, ghan-nom tal-kumpanija talab lit-Tribunal biex qabel ma jerga jinstema' dan il-kaz, il-verbal li kien

ghamel ic-Chairman ta' qabel ghandu jigi revokat mit-Tribunal. Ghalhekk it-Tribunal aggorna ghat-Tnejn, 9 ta' Jannar, 1989 biex jikkonsidra din it-talba. Fis-seduta tad- 9 ta' Jannar, 1989 it-Tribunal ghamel verbal illi jirrevoka d-digriet tat-Tribunal tal-8 ta' Mejju, 1987, 'contrario imperio', u kompla bis-smiegh tal-kaz.

## 3. KUNSIDERAZZJONIJIET

Xehdu s-sur John Grima, is-sur C.A. Portelli u l-Perit Louis Busuttil. Mix-xhieda taghhom irrizulta illi:-

John Grima kellu l-impieg tieghu bhala Company Secretary ma' Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd terminat fit-12 ta' Novembru, 1986 permezz ta' ittra ffirmata minn Charles Portelli, Managing Director tal-istess kumpanija. John Grima ma baqax jigbed is-salarju li kellu bhala Company Secretary ma' Hempel's u lanqas ma inghata xi impieg iehor ma din il-kumpanija.

Fiz-zmien ta' terminazzjoni tal-impieg tieghu John Grima kien impjegat ukoll bhala Executive ma' Waterways Ltd. liema kumpanija kienet tiehu hsieb il-management ta' Hempel's u kienet tithallas 'fee' ghal dan is-servizz. Fl-istess zmien, John Grima kien padrun ta' zewg kumpaniji ohra, jigifieri 'The General Investment & Estate Co Ltd' u 'Paint All Contractors Co. Ltd.' (P.A.C. Co. Ltd). John Grima kien jigbed salarju bhala Company Secretary ta' Hempel's u salarju bhala Executive ma' Waterways Ltd.

Il-Fond dari okkupat minn Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd huwa propjeta tal-General Investment & Estate Co Ltd. Ta' din l-okkupazzjoni, Hempel's kienu jhallsu lil General Investment & Estate Co Ltd, ammont ta' flus ekwivalenti

ghal 1½% tan-net sales of production, bejn wiehed u iehor LM15000 fis-sena.

Kemm Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd. kemm Waterways Co. Ltd, huma tnejn registrati bhala kumpaniji u kull wahda minnhom ghandha l-identita legali taghha.

Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd ma kienux kisbu il-kunsens tad-Direttur tax-Xoghol, ghal-terminazzjoni tal-impieg ta' John Grima, kif kienet titlob il-ligi dak iz-zmien tat-terminazzjoni.

Ovvjament, ma kienx kompitu tat-Tribunal li jidhol fil-merti tat-tilwima bejn Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd u l-General Investment & Estate Co Ltd. Pero, fil-kors tas-smiegh irrizulta illi John Grima, ghan-nom tal-kumpanija tieghu, il-General Investment & Estate Co Ltd. kien qieghed isostni illi Hempel's kellu jikkumpensaw lil kumpanija, General Investment & Estate Co Ltd, ghal perjodu illi l-fond dari okkupat minn Hempel's bhala fabbrika ma tkunx tista' tintuza minhabba x-xogholijiet tar-restawr. Skond l-istatement of case ta' John Grima, din il-kwistjoni ghadha sejra. Ma rrizultax mix-xhieda illi John Grima qatt irrinunzja ghall-'claim' ta' kumpens anki meta ntlahaq ftehim dwar it-tkomplija tax-xogholijiet tar-restawr.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, din it-tilwima setghet tigi evitata kieku John Grima u Charles Portelli qaghdu ma mejda biex jaslu ghall-ftehim amikevoli. Kienu jahdmu fl-istess ufficcju u kienu jkollhom kuntatti ta' spiss. Sfortunatament, ghogobhom jittrattaw il-kaz b'mod formali, bil-korrispondenza formali, u per konsekwenza, John Grima gie fil-posizzjoni li kellu jaghzel bejn l-obbligu tieghu illi jissalvagwardja l-interessi tal-kumpanija tieghu u l-obbligu tieghu illi,

bhala Company Secretary, jissalvagwardja l-interessi ta' Hempel's Marine Paints (Malta) Ltd, fejn kien impjegat u jiehu salarju minn ghandhom u dana irrispettivament minn min minnhom kellhom ragun.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, peress li l-interessi taz-zewg kumpaniji kienu djamettrikament opposti, il-posizzjoni ta' John Grima bhala padrun tal-General Investment & Estate Co Ltd ma setghetx tkun rikonciljabbli mal-posizzjoni tieghu bhala Company Secretary ta' Hempel's. Dana huwa kaz tipiku fejn 'no man can serve two masters'.

B'dana kollu, bil-mod kif saret it-tkeccija ta' John Grima Hempel's ma mxewx mal-provvedimenti tal-ligi, kif kienet dak iz-zmien. Irrizulta car mix-xhieda illi Hempel's hija registrata bhala kumpanija ghall-rasha, illi ghandha identita legali taghha, illi John Grima ma baqax jithallas minn Hempel's wara li l-impieg tieghu gie tterminat u illi ma nghatax impieg iehor, flok ta' Company Secretary ma' Hempel's.

## 4. AWARD TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal ikkonsidra profondament ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi it-tkeccija ta' John Grima mill-impieg tieghu bhala Company Secretary kienet konsekwenza ta' sitwazzjoni irrikonciljabbli imma illi ma saritx bil-mod kif kienet titlob il-ligi dak iz-zmien.

Ghalhekk it-Tribunal jordna illi Hempel's Marine Paints (Malta) Limited ihallsu lil John Grima is-somma ta' LM200

(mitejn lira maltin). Il-hlas ghandu jsir fiz-zmien xahar mid-data ta' dan l-award.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar it-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX tal-1976), it-Tribunal qieghed jintaxxa ghall-persuni li dehru ghaz-zewg partijiet id-dritt fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (LM40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

MAURICE J V BONELLO
CHAIRMAN

EDWIN SPITERI
SEGRETARJU

/ms